**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XIX**
**Appell Nru: 213/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Tarcisio Pulis)**

**Vs**

**GEORGE FALZON**

**Illum, 14 ta'Frar, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra George Falzon talli fl-ahhar xhur (qabel l-4 ta'Ottubru, 1994), bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel ''lil xi hadd fil-pussess ta'hwejjgu billi okkupa art tal-Gvern fil-Fgura u li fiha jzomm ziemel''.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fit-3 ta'Ottubru, 2000, li biha sabet lill-George Falzon hati ta' din l-akkuza, u, ai termini ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn, kif ukoll ordnatlu sabiex fi zmien xahar mis-sentenza taghha hu jirritorna l-pussess lill-Gvern u, fin-nuqqas, jigi kundannat Multa ta' Lm25 kulljum.

Rat ir-rikors t'appell ta'George Falzon datat 13 ta' Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi din il-Qorti ma ghandha assolutament xejn x'izzid ma'dak li qalghet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

Il-provi f'dawn il-proceduri huma traskritti u minnhom jirrizulta car li l-agir ta' l-appellant jinkwadra ruhu perfettament fir-reat lilu addebitat. In bazi ta' dawn il-provi huwa ferm evidenti li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment

tasal ghall-konkluzzjoni li fil-fatt waslet ghaliha u li maghha taqbel pjenament din il-Qorti.

Dan kollu premess, l-appell ta'George Falzon qed jigi michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur